**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA’ KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 19 - IL-ĦAMIS 24 TA’ APRIL 2014**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal fit-19:52) |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Louis Bonnici | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Pauline Miceli | Kunsillier |
| Pubbliku: | Kien hemm persuna waħda preżenti. | |

**1. APPOLOĠIJI**

1.1. Is-SE informa li l-Kunsillier Galea kien informa li se jittardja.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA**

3.1. Is-SE informa lill-Kunsill li kienet waslet ittra mingħand l-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari b’mod partikulari fejn staqsew fuq il-Mitħna. Il-Kunsill talab li jkunu infurmati li qed tiġi pproċessata l-applikazzjoni għall-MEPA filwaqt li l-Kunsill huwa lest li jiltaqa’ magħhom biex jiddiskuti.

3.2. Is-SE informa li kien attenda għal laqgħa ta’ konsultazzjoni dwar road safety. Id-dettalji ta’ din il-laqgħa għandhom jitpoġġew online, u kif ikunu aċċessibbli u jkun infurmat, għandu jgħaddi l-link lill-Kunsillieri.

3.3. Is-Sindku infurmat li ltaqgħet ma’ rappreżentanta tal-Bird Life dwar proġett intitolat Project Peregrine Falcon, li qed ikun iffinanzjat b’fondi mill-UE.

3.4. Is-Sindku spjegat li qed jippruvaw jidentifikaw postijiet b’bini għoli biex b’dan il-proġett ikunu jistgħu iġibu l-falkuni u jdarruhom jgħixu fl-urban. Huma konxji li hemm

problemi li jridu jindirizzaw, bħall-kwistjoni tad-dilettanti tal-ħamiem minħabba li dawn il-falkuni jattakkaw il-ħamiem, u għalhekk f'dan l-istadju qed jevalwaw il-possibiltajiet kollha biex jieħdu deċiżjoni matul din is-sena.

3.5. Is-Sindku kompliet tispjega kif il-ħsieb huwa li jużaw il-knejjes bħala post biex itajruhom l-ewwel darba peress li dawn ġeneralment ikunu l-aktar bini għoli fil-lokalità.

3.6. Is-Sindku issuġeritilha li tgħamel laqgħat mal-Kurja minħabba l-użu tal-knejjes, kif ukoll mal-Clubs tal-ħamiem, biex jaraw kif dawn il-ħamiem ma jkollomx problemi mal-falkuni.

3.7. Is-SE informa kif nhar it-Tlieta 29 ta' April, għandu jżur il-lokalità l-Ambaxxatur ta' Spanja. Dan kellu jiġi aktar kmieni din is-sena iżda l-laqgħa kellha tiġi posposta.

3.8. Is-SE informa li kien hemm kwistjoni għaddeja ma' resident, is-Sur Gauci, li kien talab għal bozza ġdida fi Triq il-Forġa.

3.9. Is-SE spjega kif is-Sur Gauci kien kiteb ukoll lill-Onor. Minsitru Buontempo, li kien talab ir-raġuni għaliex il-bozza kienet għada ma saritx u s-SE informahom fid-dettall illi f'dan l-istadju l-Kunsill m'għandux il-baġit neċessarju għal dan ix-xogħol. Madanakollu, minkejja l-ewwel email mingħand l-Onor Buontempo li titlob li jinżamm infurmat, fl-email ta' wara lir-resident, l-Onor Buontempo esprima d-diżappunt tiegħu u talab li ssir laqgħa filwaqt li wiegħed li se jaddotta policy dwar dan. Kien għalhekk li s-SE kien qiegħed jippreżenta dan il-każ lill-Kunsill għal deċiżjoni definita u sabiex il-Kunsill jiddikjara jekk hu (is-SE) aġixxiex tajjeb jew le.

3.10. Is-SE wera l-korispondenza bejnu, is-sur Gauci u l-Ministru Buontempo.

3.11. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Galea. Il-ħin kien 19.52.

3.12. Il-Kunsill unanimament qabel li s-SE aġixxa tajjeb.

3.13. Is-Sindku ssuġġeriet li minħabba li l-Kunsill kien għadu ma sema xejn dwar din il-laqgħa, is-SE għandu jibgħat email lill-Ministru biex issir il-laqgħa.

3.14. Is-SE informa li saret laqgħa ma' rappreżentant ta' Sedqa fuq il-possibilità li jsiru xi korsijiet għall-organizzazjonijiet tan-Naxxar dwar drogi.

3.15. Kien hemm il-qbil li l-Kunsill jipprovdi s-Sala biex isiru dawn il-laqgħat iżda għandha tkun involuta l-komunità kollha u mhux biss l-organizzazjonijiet.

3.16. Is-SE informa li kien attenda għal konferenza dwar Health & Safety, li saħqu fuq il-fatt li l-Kunsill m'għandux jieħu responsabbiltà ta dawk l-affarijiet li m'hux responsabbli tagħhom il-Kunsill speċjalment meta jkunu affarijiet tekniċi li l-Kunsill ma jkollux il-kompetenza dwarhom.

3.17. Is-Sindku infurmat li s-Sorijiet waslu biex jibdew jirrestawraw il-Kappella, u għalhekk, minħabba li din il-kappella hija wirt storiku ssuġġeriet li jkunu eżenti milli jħallsu l-permessi mingħand il-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel filwaqt li kien hemm il-qbil ukoll li l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment dwar din id-deċiżjoni.

3.18. Il-Viċi Sindku infurmat li giet avviċinata minn rappreżentant tal-Kennels li hemm T'Alla u Ommu sabiex isir it-tisbiħ fin-niċċa tal-Madonna.

3.19. Is-SE informa li t-tifel tas-Sur Joe Grech, eks-kunsillier, qegħdin fil-proċess biex jgħamlu t-tisbiħ.

3.20. Kien hemm il-qbil li l-Kunsill jikkonferma li x-xoghol se jsir u jiġu infurmati tal-Kennels.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARJI, INFIQ

4.1. Il-Kunsillier Bonnici semma l-problemi li qed isib is-sottokumitat tal-finanzi dwar is-sejħiet għall-offerti, speċjalment dik tal-ġbir tal-iskart.

4.2. Hemm kwistjoni dwar it-tip ta' trakkijiet li qed jintużaw, għaliex qed jiġu ċċertifikati li huma Euro 4, iżda fil-vertità ma jkunux.

4.3. Il-Kunsillier Bonnici indaga u sostna li għandu l-informazzjoni ta' min vera huwa Euro 4 u min m'huwiex.

4.4. Is-SE spjega kif kien bagħat email lis-Sur James Piscopo biex jibgħat lura Certificate of Conformity (CoC). Is-Sur Piscopo kellu jibgħat lista sabiex il-Kunsill iqabbilha mal-kopji tal-Log Books li ġew ipprovduti meta intefgħu l-offerti.

4.5. Il-Kunsillier Sciberras qal li kien inkwietat bid-dewmien min-naħa tas-sottokumitat biex tittieħed deċiżjoni fuq l-offerti.

4.6. Is-SE, kif ukoll il-Kunsillier Bonnici u s-Sindku assigurawh li s-sottokumitat qed jgħamel dak kollu li jista' biex tittieħed deċizjoni malajr kemm jista' jkun u skond il-liġi, iżda sfortunatament qed jiltaqaw ma' ħafna problemi.

4.7. Is-Sindku stiednet lill-Kunsillier Sciberras jattendi għal-laqgħa tas-sottokumitat li jmiss biex ikollu aktar idea ċara tal-problemi li hemm.

4.8. Kien hemm il-qbil li l-ħlasijiet jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss tas-sottokumitat tal-finanzi li kellha ssir l-għada tal-Laqgħa tal-Kunsill. Appena jkunu approvati mis-sottokumitat għandhom ikunu meqjusa approvati wkoll mill-Kunsill u jsir il-ħlas.

## 5. TISMIJA TA' TOROQ

5.1. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li toroq li għadhom bla isem jiġu msemmija kif ġej:

5.2. Triq Ġdida fi Triq F.W. Ryan tiġi msemmija Triq Pietru Caxaro (Awtur tal-Kantilena).

5.3. Triq il-Ġdida (il-parti ta' ħdejn il-bandli) tiġi msemmija Triq Pirotta (Arġentier).

5.4. Triq Ġdida fi Triq Birguma tiġi msemmija Triq il-Kantilena (L-ewwel Poeżija Maltija).

5.5. It-toroq li jinsabu wara Triq iċ-Ċiek jiġu msemmija Triq Victor Agius, Triq Joe Grech u Triq Charles Arrigo (Xandâr).

5.6. Il-Kunsillier Sciberras talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien id-21:02.

## 6. NUQQAS TA' ATTENDENZA GĦAL-LAQGĦAT TAL KUNSILL MINN KUNSILLIER

6.1. Kif kien meħtieġ mil-liġi s-SE informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Sammut kien naqas li jattendi għal aktar minn terz tal-laqgħat imsejħa fl-aħħar sitt xhur. F'dan il-każ il-perjodu kien Ottubru 2013 u Marzu 2014.

6.2. Il-Kunsill unanimament qabel li n-nuqqas kien ġustifikat u għalhekk talab lis-SE biex, meta jinforma lill-Ministru, jitlob biex il-post tal-Kunsillier Sammut ma jkunx dikjarat vakant.

## 7. GĦAŻLA TA' KULUR TAT-TABELLI TA' SITI STORIĊI

7.1. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li t-tabelli jkunu ta' kulur abjad kif kien oriġinalment suġġerit mill-Perit.

## 8. RESTAWR TAL-ISTATWI

8.1. Is-SE fakkar lill-Kunsill fis sejħa tal-offerti li kienet inħarġet biex isiru restawr ta' statwi, u li għalihom il-Kunsill kien imwiegħed €3500 taħt skema tad-Dipartiment.

8.2. Is-SE informa li l-istima għar-restawr ta' 3 statwi kienet ta' €24,000.

8.3. IS-SE spjega kif il-Kuntrattur kien iltaqa mal-Perit Wendy Attard biex tiddiskuti l-possibiltà li l-prezz jitnaqqas.

8.4. Il-Perit infurmat lis-SE li l-Kuntrattur kien professjonali ħafna, u li jkun jista' jgħamel ftit manteniment biex jorħos il-prezz iżda wara ftit snin ikollhom bzonn ta' aktar manteniment. Il-Kunsill qabel li jsiru xogħolijiet kompluti.

8.5. Is-SE informa wkoll li jkunu jistgħu jintużaw fondi tal-UIF.

8.6. Il-Kunsillier Galea issuġġerixxa li l-Kunsill jgħamel talba lill-Unesco, għaliex ikollhom fondi biex jgħinu f'dawn it-tip ta' affarijiet.

8.7. F'dan il-ħin il-Kunsillier Galea semma wkoll li kellu data għal-laqgħa mal-Ministru Mizzi. Din se ssir fis-16 ta' Mejju fid-9:30am.

## 9. TISWIJA TA' TOROQ

9.1. Is-SE fakkar li, fil-laqgħa ta' qabel, il-Kunsill kien approva li jsir traqqiegħ maġġur.

9.2. Is-SE informa li kien attenda għal sessjoni informattiva dwar sistema ġdida ta' traqqiegħ minn kumpanija barranija.

9.3. Is-SE iltaqa' fil-post mal-kuntrattur biex jaraw fejn tista ssir prova. Intgħażlet Triq il-Qoton.

9.4. Kien hemm qbil biex tintalab kwotazzjoni għal traqqieħ ta' Triq il-Qoton mingħand dan il-Kuntrattur, kif ukoll mill-Kuntrattur tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista jara liema offerta jaqbillu l-aktar.

## 10. TIBDIL TA' TABELLI TAT-TRAFFIKU

10.1. Is-SE informa li kien iddiskuta mal-Kunsillier Gatt, li huwa responsabbli ta' dan il-qasam, dwar proċedura biex jinbidlu tabelli li m'għadhomx fi stat tajjeb.

10.2. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandhom jiġu identifikati t-tabelli li għandhom bżonn jinbidlu, l-ewwel fiż-żona ċentrali tan-Naxxar, biex wara jiġu identifikati l-istat ta' tabelli ta' żoni oħra, biex jinbidlu dawn ukoll.

## 11. ATTIVITAJIET MARBUTA MA' JUM IN-NAXXAR

11.1. Wara diskussjoni dwar id-dettalji għall-attività kien hemm il-qbil li ssir quddiesa f'Jum in-Naxxar propju u wara bibita f'wieħed mill-każini. L-attività tal-Ġimgħa ssir quddiem il-Kunsill fejn ikun hemm mużika klassika u forsi żfin klassiku u kxif tal-lapida kommemorattiva tal-20 sena ħidma tal-Kunsill Lokali, li għandha titwaħħal mal-ħajt tal-Kunsill fuq ġewwa. Din tkun forma ta' Lejla Mużiko Letterarja possibilment bil-parteċipazzjoni ta' Dott. Charles Briffa u wkoll l-għoti ta' Ġieħ in-Naxxar.

11.2. Iċ-Chairperson ta' Baħar iċ-Ċagħaq Cuomo talbet li tkun skużata mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-21:46.

11.3. L-attività tal-Ħadd, li se tkun intitolata 'Niltaqgħu fil-Pjazza' u jkollha t-tema dwar it-trasport sostenibbli u temi relatati mal-ambjent. Il-Kunsillier Sciberras flimkien mal-GreenMT jorganizzaw stall dwar ir-riċiklaġġ.

11.4. Fost l-affarijiet li ssemmew waqt id-diskussjoni kien iż-żmien biex tiġi organizzata l-attivitajiet. L-attivitajiet kienu ippjanati li jsiru il-Ġimgħa 16 u l-Ħadd 18 ta' Mejju.

11.5. Minhabba din id-diffikultà kien hemm qbil li għal din is-sena, l-attività tiġi posposta għal Ġunju biex ikun hemm aktar ħin biex tiġi organizzata sew.

11.6. Id-dati l-ġodda huma l-Ġimgħa 6 u l-Ħadd 8 ta' Ġunju.

**12. TMIEM IL-LAQGĦA**

12.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2014.

12.2. Il-laqgħa intemmet fl-22:50.

*(IFFIRMATI)*

| | |
|---|---|
| **MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD*** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |